**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

9 Leġiżlatura

AGENDA Numru 31

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar**

**Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali**

**Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 31 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 13 ta'Mejju 2021, fil-5:30pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu *online* skont l-Artiklu 1 ta'Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid -Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fl' 15 ta' Diċembru 2020.**

**Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.**

Mariella Strout 13 ta' Mejju, 2021
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima Sindku
- Alfred Bray Kunsillier
- Anthony Delia Kunsillier

Online

- Carlos Zarb Viċi Sindku
- Daryl Connor Kunsillier
- Mario Joseph Salerno Kunsillier
- Paul Bugeja Kunsillier
- Stephen Cremona Kunsillier
- Christopher Vella Petroni Kunsillier
- Anne Fenech Kunsillier
- Graziella Galea Kunsillier
- Antoinette Bezzina Kunsillier
- Anthony Angelo Attard Kunsillier

**31.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-kunsill ma rċieva l-ebda ittra ta' apoloġija.

**32.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (30)**

Il-Minuti 30 ġew approvati kif tressqu.

**31.3 Punti mill-minuti**

**IVECO KBM 554/ kiri ta' Vettura**

Ġie spjegat li biex tinbiegħ il-vettura KBM 554 il-kunsill ħareġ riklam fuq il-gażżetta tal-Gvern, fuq Facebook, notice boards u sites tal-marketing ta' vetturi. Fejn il-kunsill irċieva offerta waħda biss dik ta' 3,000 Euro.

Il-kunsill approva l-bejgħ għall-prezz ta' mhux anqas minn 3,000 Euro, kemm il-darba l-persuna li għamlet l-offerta għada nteressata li tixtri u l-bejgħ isir skond il-liġi.

**Korsijiet LifeLong Learning (taghlaq 7/5/2021)**

Bħala punt ta' informazzjoni ntqal li l-applikazzjoni saret fil-26 ta' April, 2021.

**Pubblikazzjoni ta' ktieb studenti kulleġġ Maria Reġina ta' San Pawl il-Baħar**

Il-kulleġġ Maria Reġina ta' San Pawl il-Baħar informa li għal issa l-ktieb mhux se jsir minħabba li kien hemm ftit nteress mill-istudenti u li dawn ma kienux tal-livell mistenni.

**Dikjarazzjoni Viċi Sindku**

Il-Kunsilliera Graziella Galea u Antoinette Bezzina ddikjaraw li l-allegazzjoni li saret għandha tiġi ssustanzjata u tissemma l-persuna li allegatament qalet jew kitbet dawk il-kliem u fejn intqal jew inkiteb dan il-kliem. Ċaħdu li huma kitbu jew qalu dak il-kliem. Is-Sindku Alfred Grima qal li l-kunsilliera għandhom kull dritt li jagħmlu dikjarazzjoni, biss, hu jemmen li kien ikun aktar għaqli li kieku d-dikjarazzjoni saret dak inhar stess meta l-Viċi Sindku Carlos Zarb kien preżenti.

**31.4 <u>Komunikazzjoni mis-Sindku</u>**

Ikklampjar u t-tneħħija ta' vetturi/oġġetti ta' ingombru

Is-Sindku nforma li nbidlu r-regolamenti dwar l-ikklampjar u t-tneħħija ta' vetturi/oġġetti ta' ingombru fejn jidher li tnaqqset il-burokrazzija biex dawn jitneħħew mit-toroq.

**Manutenzjoni tal-gallarija ta' Triq San Franġisk**

Fil-11 ta' Mejju, 2021, il-kunsill irċieva d-dokumenti relatati mal-ħruġ ta' sejħa għall-offerti għall-manutenzjoni tal-gallarija ta' Triq San Franġisk mingħand il-perit tal-kunsill.

**Group Life Policy għall-Membri Eletti**

L-AKL ħarġet ċirkolari 2021/037 li titratta Group Life Policy għall-Membri Eletti. Abbinata ma din l-polza hemm ħlas ta' 65 Euro għal kull Membru Elett bejn 18-il sena u l-65 sena. Dawk fl-eta ta' bejn 66 u 70 sena, ir-rata hi ta' 340 Euro fejn hemm ħtieġa li tintela l-formola Decelration of Good Health. Din tkopri l-perjodu minn 1 ta' Ġunju 2021 sal-31 ta' Mejju 2022.

Il-kunsill approva il-ħlassijiet neċessarji.

17.47 Il-kunsillier Chris Vella Petroni daħal għall-laqgħa.

**Gnien Joseph P. Caruana -**

Fis-6 ta' Mejju, 2021, l-Awtorita ta' l-Ippjanar ħarġet il-permessi neċessarji għal rimudellar ta'Gnien Joseph P. Caruana, li jinsab fi Triq Cassarino c/w Triq it-Turisti.

**Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm**

L-14 ta' Ġunju huwa l-jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm, fejn il-kunsill ġie mħeġġeġ jixhel binja b'kulur aħmar biex b'hekk jinħoloq aktar għarfien u apprezzment lejn id-donaturi tad-demm.

Il-kunsill approva li jipparteċipa billi possibilment jinxtegħlu l-pjazza ta' Buġibba u l-pjazza ta' quddiem il-knisja ta' Burmarrad.

**Ġbir ta' skart riċikabbli**

Fis-26 ta' April,2021 il-kunsill ħareġ is-sejħa għal għal perjodu 2021 - 2022.

**PA/03012/20 (EA/00057/18) Construction Waste to Energy Plant at Magħtab.**

Is-Sindku nforma li tressqet applikazzjoni numru PA/03012/20 għal bini ta' impjant ta' l-iskart li jiġġenera l-elettriku fil-Magħtab. Fakkar, li l-kunsill kien approva li r-Reġjun Tramuntana jirraprezenta lill-Kunsill f'din l-applikazzjoni.

Il-kunsill approva li dak li kien ġie deċiż mill-kunsill dwar din l-applikazzjoni jibqa fis-seħħ.

**PA/2467/21 (ODZ) Triq Burmarrad** – To propose excavation and construction of two floor beneath street level to accommodate car park and stores, construction at ground floor and first floor level which consist of a drive-thru facility Class 4D and overlaying two floors and a receded level of Class 4A offices.

Il-kunsill innota li l-applikazzjoni tikkonċerna kostruzzjoni fuq art ODZ. Għaldaqstant tmur kontra l-policy

Il-kunsill qabel li għandu joġġezzjona għal applikazzjoni minħabba l-fatt li l-iżvilupp propost isir fuq art ODZ. Għaldaqstant, ma jimxiex pari passu mal-policy.

18.05 Il-Kunsilliera Anne Marie Fenech daħlet għall-laqgħa.

**PA/2958/21 Pash & Jimmy, 606, Triq il-Mosta, San Pawl il-Baħar**. Sanctioning of area of tables and chairs, installation of canopy, proposed areas for tables and chairs..

Issemma l-fatt li l-MTA hi favur li jsiru umbrellel u mhux tinda kif suġġerit fl-applikazzjoni.

Il-kunsill ma jsibx oġġezzjoni għas-sanzjonar tal-bankina, it-tqegħid ta' l-imwejjed u siġġijiet u ombrellel u sakemm ma ssirx struttura permanenti.

**The Queen's Baton Relay**

Il-Kumitat Olimpiku Malti staqsa jekk il-Kunsill huwiex interessat li jorganizza attivita żgħira bejn il-12 u 13 ta' Ottubbru, 2021 relatata ma The Queen's Baton Relay
biex tiġi enfażizzata l-ugwaljanza, diversita, benesseri u valuri soċjali.
Il-kunsill approva li jipparteċipa.

**Raba Pwales - Petizzjoni**

Il-kunsill irċieva petizzjoni ffirmata minn diversi bdiewa li jaħdmu r-raba mqabbla għandhom fl-inħawi tal-Pwales. Dan seħħ b'rabta mall-ħruġ ta' avviż ta'terminazzjoni ta' kiri ta' raba li nħareġ fid-9 ta' April, 2021 mill-Awtorita ta' l-Artijiet fejn jingħad li din it-terminazzjoni hi marbuta ma estenzjoni tar-riserva naturali tas-Simar. Permezz tal-petizzjoni, il-bdiewa qedin jitolbu lill-kunsill biex minn naħa tiegħu jistieden lill-Gvern jikkunsidra mill-ġdid id-deċiżżjoni meħuda. Dan fuq il-bażi li t-terminazzjoni tal-qbiela tfisser nuqqas ta' għejxien għall-bdiewa milquta kif ukoll minħabba detriment negattivament fl-akkwati.
Il-kunsill approva li jistieden lill-gvern jirrikunsidra mill-ġdid d-decizzjoni tieghu li tittieħed art agrikola għab-bażi tal-petizzjoni li rċieva u minħabba li l-kunsill japprezza l-valur ta' dik ir-raba' .

**31.5 <u>Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>**

Is-Sindku Alfred Grima informa li d-diversi mistoqsijiet tal-Kunsilliera Graziella Galea
Indirizzati lilu u lis-Segretarju Eżekuttiv se jiġu mwieġba fil-laqgħa li jmiss minħabba l-fatt li dawn waslu l-kunsill fl-istess jum tal-laqgħa.
Il-Kunsilliera Graziella Galea staqsiet lis-Segretarju Eżekuttiv "B'referenza għat-tweġiba li ngħatat fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, il-boroż griżi għall-ġbir ta' skart riċikabbli li jitqassmu mingħajr ħlas mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li kienu skedati li jaslu għall-aħħar ta' April, fil-fatt waslu? Jekk iva meta?

18.35 Il-Kunsillier Anthony Angelo Attard daħal għall-laqgħa.

Risposta: Għadhom ma waslux.

"B'referenza għat-tweġiba li ngħatat fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, l-ammont ta' boroż għall-ġbir ta' skart riċikabbli li l-Kunsill qed jirċievi sabiex iqassam lir-residenti hu ferm inqas minn dak li suppost jirċievi. X'azzjoni qed tittieħed u/jew hemm ppjanat li tittieħed sabiex l-ammont ta' boroż griżi dovut lill-Kunsill jingħata kollu sabiex ir-residenti ikunu jistgħu jibbenefikaw minn dawn il-boroż li jitqassmu b'xejn?

Risposta: Intbagħtu diversi reminders lill-Green MT.

18.45 Il-Viċi Sindku Carlos Zarb daħal għall-laqgħa.

**31.6 Rapporti u jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

**31.6.1 Rapport Aministrattiv 2020**

Tqajmu l-mistoqsijiet, jekk sarx xi tibdil mir-rapport amministrattiv li ntbagħt lill-kunsilliera issa minn dak li ġie ppreżentat waqt il-laqgħa annwali u jekk ir-rapport amministrattiv jirriflettix id-deċiżżjonijiet tal-kunsill hekk kif deċiżi mill-istess kunsill?

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġiet kkoreġuta ċ-ċifra tal-popolazzjoni, il-parti fejn jissemmew il-Kumitati u Risponsabilitajiet tal-kunsilliera kif ukoll il-grammatika. Ir-rapport li qed jitressaq hu eżatt kif ġie ppreżentat waqt il-laqgħa annwali fejn dan jirrifletti dak deċiż mill-kunsill.Il-Kunsilliera Graziella Galea ressqet dikjarazzjoni f'isem il-kunsilliera tal-PN li se tiġi annessa mal-minuti.

Is-Sindku Alfred Grima ressaq ir-rapport Amministrattiv 2020 għall-approvazzjoni. Il-mozzjoni ġiet sekondata mill-kunsillier Alfred Bray.

Ir-rapport ġie approvat nem con.

**31.6.2 Quaterly Financial Report Jan-Mar 2021**

Wara spjegazzjoni li saret mill-Accountant tal-Kunsill l-Quaterly Financial

Report Jannar-Marzu 2021 ġie prezentat fil-laqgħa annwali..

Ir-rapport ġie approvat nem con.

**31.6.3** Rapport Ingaġġ ta' Ħaddiema Skala 13

Ġie prezentat ir-rapport ta' intervisti fejn il-Bord maħtur mill-Kunsill irrakomanda li fi skala 13 tiġi mpjegata dik il-persuna li fl-interview ġabet l-għola marki kif ukoll li jiġu mpjegati dawk l-applikanti skond il-marki li ġabu f'każ li xi wieħed minn dawk magħżula ma jaċċettax/jitlaq mill-impjieg.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**31.6.4** Rapport Ingaġġ ta' Ħaddiema Skala 15

Ġie prezentat ir-rapport ta' intervisti fejn il-Bord maħtur mill-Kunsill irrakomanda li fi skala 15 tiġi mpjegata dik il-persuna li fl-interview ġabet l-għola marki kif ukoll li jiġu mpjegati dawk l-applikanti skond il-marki li ġabu f'każ li xi wieħed minn dawk magħżula ma jaċċettax/jitlaq mill-impjieg.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**31.7 Item: Riżoluzzjoni Speċjali li titratta l-Eco Intermodal Hub**

Is-Sindku Alfred Grima ressaq riżoluzzjoni speċjali skond id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 23 (1) ta' l-ordnijiet permanenti, biex il-Kunsill jirrevoka d-deċiżżjoni meħuda minnu fil-laqgħa 29, item 29.8, "Eco-Intermodal Hub" li nżammet fl-4 ta' Marzu, 2021. Dan billi u fid-dawl ta' kjarifikazzjoni u nformazzjoni addizzjonali li nġibet għall-attenzjoni tal-kunsill. Ir-riżoluzzjoni annessa mal-minuti ġiet sekondata mill-Viċi Sindku Carlos Zarb.

Il-kunsill approva r-riżoluzzjoni speċjali nem con.

**31.8 Item: Riżoluzzjoni Speċjali li titratta s-Sirens Acess Road**

Is-Sindku Alfred Grima ressaq riżoluzzjoni speċjali skond id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 23 (1) ta' l-ordnijiet permanenti, biex il-Kunsill jirrevoka d-deċiżżjoni meħuda minnu fil-

laqgħa 29, item 29.10, "Sirens Access Road" li nżammet fl-4 ta' Marzu, 2021. Dan billi u wara li saru l-emendi neċessarji fil-pjanti li jissodisfaw dak mitlub mill-kunsill u fid-dawl ta' ftehim milħuq bejn iż-żewġ partijiet li se jservi ta' gwadann u benefiċċju għar-residenti ta' San Pawl il-Baħar b'mod ġenerali. Dan il-ftehim intlaħaq wara laqgħat li saru bejn il-kumitat maħtur ad hoc kompost mis-Sindku Alfred Grima, il-Viċi Sindku Carlos Zarb, il-kunsillier Graziella Galea u l-kunsillier Anthony Delia, u rappreżentanti ta' Sirens ASC. Ir-riżoluzzjoni annessa mal-minuti ġiet sekondata mill-Kunsillier Paul Bugeja.

Il-kunsill unanimament approva r-riżoluzzjoni speċjali bil-kundizzjoni li l-ftehim isir għand Nutar Pubbliku biex l-interessi tal-kunsill jiġi ssalvagwardjati.

**31.9 Item: Kuntratt Ċentru ta' Matul il-Jum**

Is-Sindku Alfred Grima irrefera għall-abbozz ta' ftehim bejn il-kunsill lokali ta' San Pawl il-Baħar u l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità dwar iċ-Ċentru għall-Anzjani. Irrimarka, li wara diversi laqgħat instab kompromess li permezz tiegħu l-kunsill se jibbenifika għall-ewwel darba sa massimu ta' €16,000 biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż konnessi mat-trasport ta' l-anzjani kemm il-darba dan il-ftehim jidħol fis-seħħ. Il-Kunsill ser ikompli jibbenefika minn ħlas ta' 20% tal-kont tad-dawl u ilma riċevut mill-Kunsill Lokali skond ftehim milħuq fit-30 ta' Settembru 2011.

Il-kunsill approva l-iffirmar tal-ftehim.

**31.10 Item: Korrezzjoni ta' Stima – Proġett Triq Cassarino C/W Triq it-Turisti**

Ġie nnutat li l-minuti tal-laqgħa 16, paġna 5, item "SPBLC Projects Update" li nżammet fl-4 ta' Ġunju, 2020 jikwotaw is-somma ta' €67,950 bħala stima tal-proġett ta' Triq Cassarino c/w ma Triq it-Turisti maħruġa mill-perit tal-kunsill, mentri din kella tkun €267,950.

Is Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni favur li ssir il-korrezzjoni ta' stima meħtieġa.

Il-mozzjoni ġiet sekondata mill-Kunsillier Anthony Delia.

Il-kunsill approva il-mozzjoni nem con.

**31.10 Item PC0001/21- Proposta ta'triq Pedonali Pubblika**

Permezz ta' imejl il-perit tal-kunsill irrimarka, illi jidher li PC0001/21 hi l-aħħar applikazzjoni minn sensiela ta' applikazzjonijiet oħra li ħarġu minn l-Outline Development Application PA04521/16. Fuq l-istess sit hemm irreġistrata ukoll applikazzjoni PA/3257/21, imma l-pjanti ta' din l-applikazzjoni għadhom mhux aċċessibbli minħabba li din ma hijiex kompluta. Probabbilment, l-applikazzjoni PC0001/21 qeda ssir biex tiffaċilita l-approvazzjoni ta' applikazzjoni ġdida PA/3257/21. Ġie nnutat, li jekk l-applikazzjoni tiġi approvata jaf ikun ifisser li l-Kunsill jispiċċa jerfa l-piz tal-manutenzjoni tat-triq bla bzonn. Dan apparti, li jaf jintilfu spazji għal parkeġġi.

Il-kunsill ma sabx oġġezzjona bil-kundizzjoni

1. Li ma jintilfux parkeġġi fi triq pubblika fil-parti ta' quddiem ta' fejn qed tiġi proposta ż-żona pedonali.
2. Li l-mantenament u manutenzjoni taż-żona kollha tal-parti ta' fejn qed tiġi proposta ż-żona pedonali tibqa għal inkarigu ta' l-iżviluppaturi.

**31.12 Item: Xiri ta' Litter Bins u Dog's Litter Bins**

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għall-ħruġ ta' sejħa pubblika għall-xiri ta'

Litter bins ta'120 litru b'valur ta'mhux aktar minn €5,000
Litter bins ta' 90 litru b'valur ta'mhux aktar minn €5,000
Dog's litter bins b'valur ta' mhux aktar minn €2,000

Il-mozzjoni ġiet sekondata mill-Kunsillier Anthony Delia.
Il-kunsill approva il-mozzjoni nem con.

**31.13 Item: Spazji fil-lokalita' għall-installazzjoni ta' charging pillars.**

Il-kunsill ippropona s-siti indikati aktar l-isfel għall-installazzjoni ta' charging pillars

Triq Toni Camilleri, Burmarrad (faċċata tal-knisja)

Triq iċ-Ċagħaq c/w Triq il-Mosta (fuel station area)

Triq il-Qawra.

**31.14 Items: Klejms**

Dan l-item se jerġa jittella fil-laqgħa li jmiss minħabba li l-Bord ta' l-Ilmenti ma ltaqax.

**31.15 Approvazzjoni ta' Kontijiet u xiri ta' oġġetti / servzzi**

Skeda ta' Pagamenti

L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata kif tressqet.

Kotba Bargain Box u Wise Owl

Il-kunsill approva xiri sa 50 euro ta' kotba bil-prezz ta' €2.99 il-wieħed għall-librerija mingħand Bargain Box u Wise Owl.

Proposta ta' xiri ta' reusable bags

Kien hemm qbil li dan is-suġġett jiġi diskuss wara li jinġibu aktar dettalji.

Xiri ta' CCTV

Il-kunsill approva x-xiri ta' CCTV's meħtieġa wara li jinġib parir tekniku.

**31.16 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-8.30pm fejn din ġiet aġġornata għal 17 ta' Ġunju, 2021.

| | |
|---|---|
| Alfred Grima | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |